

# Is-Santwarju ta' Santa Tereża f'Birkirkara

Din is-sena qegħdin infakkru l-għoxrin sena mill-ftuħ tas-Santwarju ta' S. Tereża, f'B'Kara. Huwa Santwarju popolari u mfittex minn ħafna nies, kif jixhed l-għadd ta' nies li jiffrekwentawh. Biżżejjed wieħed jiġi nhar ta' Sibt u l-Ħadd għall-Quddies ta' filgħaxija u jara b'għajnejh l-attendenza tal-poplu f'din il-knisja.Ma nistgħux ninsew il-laqgħat kbar li saru fih, fosthom il-laqgħa ta' l-Għalliema fl-okkażjoni tal-ħamsa u sittin anniversarju mit-twaqqif tal-*Union* tagħhom (MUT 1985). Il-*Brothers* ta' De La Salle wkoll għoġobhom jiċċelebraw bil-ferħ l-okkażjoni ta' San Miguel, li hu wieħed mill-*brothers* ta' dawn ir-reliġjużi. Kien gost tara s-Santwarju mimli bit-tfal u l-ġenituri tagħhom jifirħu bil-protettur il-ġdid. Laqgħa kbira oħra kienet dik organizzata mill-K.D.A.L., laqgħa Marjana li tmexxiet mill-Vigarju Ġenerali Mons. Carmelo Xuereb. Id-devoti ta' Marija ma naqsux jimlew kull rokna.

Fid-19 ta' Frar 1985 il-Karmelitani Tereżjani kienu kburin li jippreżentaw l-Oratorju *Pawlu ta' Malta* fis-Santwarju. Il-pubbliku attenda bi ħġaru għal dan l-Oratorju, li għalih il-kor, l-orkestra u s-solisti taw eżekuzzjoni meraviljuża li żgur tibqa' f'moħħ dawk li mlew is-Santwarju f'din l-okkażjoni. Kemm kienet sabiħa u imponenti l-istatwa artistika ta' San Pawl li l-Kapitlu ta' B'Kara għoġbu jislef lill-Patrijiet mill-Knisja ċkejkna ta' San Pawl tal-Wied. Barra dan l-Oratorju, jibqgħu mfakkra dawk simili li saru f'ġieħ San Ġwann tas-Salib (1990) u dak ta' Santa Tereża ta' Ġesù.

Minbarra ż-żewġ *Rock Masses* għaż-żgħażagħ li se nsemmi aktar 'il quddiem, ta' min isemmi wkoll il-*pageants* li saru maż-żmien. Fit-3 ta' Jannar 1985 sar id-dramm fi tlett atti, *Eliżabetta Catez*. Dan id-dramm kien ġie ppreżentat b'suċċess fl-Istitut Kattoliku, u jitratta l-ħajja tal-Beata Eliżabetta tat-Trinità. Ittella' ieħor bl-isem *Il-Milied it-Tajjeb*. Kien dramm dwar in-nuqqasijiet ta' żminijietna. F'Marzu tal-1986 sar id-dramm *Hu l-Mulej*, li jitratta l-qawmien ta' Ġesù, u ieħor bl-isem *Il-Fjur iż-Żgħir* dwar il-ħajja ta' S. Tereża tal-Bambin Ġesù. Il-grupp ta' atturi kien ippreżenta b'suċċess kbir *L-Aħħar Ikla tal-Mulej*, jew kif nafuha l-Aħħar Ċena. Din kienet inħadmet ukoll għat-televixin żmien ilu. *Pageant* ieħor kien dwar S. Tereża Benedetta tas-Salib (Edith Stein), illum patruna ta' l-Ewropa.

Mis-Santwarju saru diversi trażmissjonijiet fuq il-mezzi tax-xandir: laqgħat ta' kull xorta għal għaqdiet u movimenti, fuq kollox ta' natura reliġjuża. Niftakar, fost l-oħrajn, il-programm *Bonġu Malta* li, f'xandira diretta tal-Ħadd 16 ta' Marzu 1986, ġiet trażmessa l-quddiesa tad-9.30 a.m. Minkejja l-maltemp u x-xita kontinwa, il-programm baqa'



L-ittra tal-25 ta' Marzu 1958 li oħt Santa Tereża, Ċelina, magħrufa fil-Karmelu bħala Swor Ġenoveffa, kienet bagħtitilna mill-Karmelu ta' Lisieux fi Franza u li fiha titlob lil Santa Tereża tbierek is-Santwarju bil-preżenza tagħha. Fl-ittra tagħha tgħid: *Jiena nitlob liċ-ċkejkna Oħti Qaddisa biex tbierek il-biċċa xogħol li daħlu għaliha l-Patrijiet tagħna Karmelitani Tereżjani ta' Malta u biex tagħmel li tinħass il-preżenza tagħha ta' dija sopranaturali fis-Santwarju Nazzjonali li se jiġi ddedikat lilha permezz tat-tħabrik tagħhom.*
*Sr. Ġenoveffa tal-Wiċċ Imqaddes u ta' S. Tereża o.c.d.*



*Bdiet purċissjoni mill-knisja ta' San Alfons għall-għalqa fejn kellu jitla' l-bini tas-Santwarju.*



*Mon. Mikiel Gonzi mgħejjun mill-Professur Arturo Bonnici u l-Professur Ġużeppi Sapiano.*



*Mons. Arċisqof jiffirma d-Dedika flimkien mall-parrinijiet is-Sur Spirdione Mizzi u is-Sur Louis Vella.*



*L-E.T. Mons. Arċisqof ibierek il-pedamenti tal-bini.*

sejjer sat-tlieta ta' wara nofsinhar minn ħdejn is-Santwarju, hekk kif kien ippjanat. Fuq firxa ta' għoxrin sena saru diversi attivitajiet u ċerimonji reliġjużi li lkoll urew kemm il-kumdità li joffri s-Santwarju ġiet apprezzata minn tant organizzazzjonijiet, għaqdiet u nies li jiffrekwentawh mhux biss mill-inħawi tal-qrib imma xejn inqas minn dawk li joqogħdu 'l bogħod.

Għoxrin sena ta' storja li għaliha nroddu ħajr lil Alla għall-ġid kollu li sar matul dan iż-żmien!

# IT-TQEGĦID TA' L-EWWEL ĠEBLA

Il-Patrijiet Karmelitani Tereżjani waslu B'Kara fl-1896. L-inħawi ta' madwar il-Kunvent baqgħu dejjem jikbru u n-nies li jiffrekwentaw il-knisja kompliet dejjem tiżdied. Kien għalhekk li l-Patrijiet ħasbu biex jixtru l-għalqa li kienet biswit il-Knisja l-antika ta' San Alfons, magħrufa bħala l-għalqa Ta' l-Inbid, li bi providenza kienet l-unika biċċa art li kien fadal mhux mibnija fi Triq il-Wied. Ftit aktar minn ħamsin sena wara l-ftuħ ta' l-ewwel knisja ta' San Alfons, fil-bidu tas-snin ħamsin, il-Patrijiet bdew jaħsbu biex jipprovdu għall-bżonnijiet ġodda pastorali u spiritwali tan-nies, li kif għedna, in-numru tagħhom kien qiegħed dejjem jikber. B'kuntratt li sar fil-**11 ta' Diċembru 1954**, huma xtraw nofs l-għalqa Ta' l-Inbid, skond l-atti tan-Nutar Alexander Grech, il-Furjana. L-għalqa msemmija kienet ta' l-Aħwa Apap Bologna, ulied il-Markiż Paolo Apap Bologna u l-Markiża Maria Tereża, imwielda De Piro d'Amico. In-Nobbli Alexander Apap Bologna, imwieled Ħ'Attard u joqgħod Notabile, deher fil-kuntratt tax-xiri f'ismu u f'isem it-tliet ħutu, żewġ subien u oħtu, imweldin il-Belt Valletta.

Il-ħsieb, għall-bidu, kien li tiġi mkabbra l-knisja l-antika ta' San Alfons, iżda minħabba li n-numru ta' nies li jiffrekwenta l-Kunvent baqa' jiżdied, u l-knisja kienet ilħa titkabbar ftit ftit, hekk li bi żjieda ġdida kienet titlef kull stil, il-Patrijiet iddeċidew li jibnu Knisja ġdida u spazzjuża. Barra minn hekk, kien meħtieġ li l-ministeru ma jiġix imfixkel minħabba t-twaqqigħ tal-Knisja. B'dan il-ħsieb, li jinbena Santwarju nazzjonali ġdid, fil-**15 ta' Marzu 1958** sar il-kuntratt tax-xiri tat-tieni nofs ta' l-għalqa għand in-Nutar Alexander Sciberras Trigona tal-Belt Valletta. B'dan l-għan ukoll, inġiebet minn barra l-Urna artistika ta' S. Tereża tal-Bambin Ġesù biex din tkun iċ-ċentru ta' devozzjoni fil-knisja l-ġdida (fuq dan, ara l-artiklu fil-Programm tal-Festa tas-sena li għaddiet), u bdew isiru diversi attivitajiet biex jinġabru l-fondi għall-proġett tant mixtieq. F'dan iż-żmien, kien Provinċjal P. Anġlu Bahagiar, li ħalliena s-sena li għaddiet, fid-29 ta' Ottubru.

Kellu jkun **IL-ĦADD, 16 TA' MEJJU 1965** (festa ta' San Xmun Stock) li l-bini tas-Santwarju ngħata bidu bit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Mikiel Gonzi, mgħejjun mill-Professur Mons. Arturo Bonnici u l-Professur Mons. Ġużeppi Sapiano. Ftit qabel it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla, il-Prokuratur Ġenerali ta' l-Ordni P. Ewsebju Obezzoni, qaddes art. Is-salib tal-kampnar ġie mbierek mill-



*It-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tas-Santwarju 16 ta' Mejju 1965.*

Quddiesa fuq palk armat fil-post magħżul għall-bini tas-Santwarju l-ġdid. It-tqegħid ta' l-ewwel ġebla kien akkumpanjat mill-ferħ ta' tant nies li nġabru fuq il-post, u l-kor kanta, "Il-Mulej jibnilna Dar u jgħasses il-Belt." Il-Provinċjal ta' dak iż-żmien, P. Lwiġ Pisani, f'diskors li niseġ f'din l-okkażjoni, qal li l-għalqa mimlija ħaxix kienet sejra tinbidel f'post imbierek, mhux biss f'għajnejn il-bnedmin, iżda wkoll quddiem Alla li, għat-talb u bl-interċessjoni taċ-ċkejkna, imma tassew kbira, Qaddisa Tereża tal-Bambin Ġesù, kien sejjer jilqa' t-talb u s-sagrifiċċji kollha li l-Insara kienu għad iridu joffrulha hemmhekk, għax Alla ried jibda jagħti l-grazzji tiegħu f'dak il-post ikkonsagrat lilu. Preżenti għal din iċ-ċerimonja, fost l-oħrajn, kien hemm ukoll il-Perit u l-Inġinier tal-Knisja. Din l-ewwel ġebla tas-Santwarju llum tinsab fil-Kappella ta' Santa Tereża.



*Mon. Mikiel Gonzi jbierek il-ġebla imqeda*

# IL-QISIEN TAS-SANTWARJU

Is-Santwarju hu l-ikbar knisja moderna ta' pajjiżna. Il-pjanta tas-Santwarju saret mill-Perit Taljan, il-Professur Giorgio Pacini ta' Ruma, waqt li l-Inġinier kien Andrea Fini. Huwa ddisinjat skond ir-riforma liturġika tal-Konċilju Vatikan it-Tieni, u fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' l-Arti Sagra tal-Vatikan. Id-direzzjoni tax-xogħol tal-bini tqiegħdet f'idejn il-Perit Louis Naudi ta' l-Imsida, u b'kuntrattur ġie magħżul is-Sur Joe Fenech tal-Blokrete ta' Ħal Lija. L-Imgħallem fuq il-post tal-bini tas-Santwarju kien Manwel Camilleri. Il-ħadid ġie provdut mid-ditta The Malta Steel Co. Ltd. tal-Fgura.



Is-Santwarju huwa ta' għamla tonda b'dijametru ta' 40 metru. Il-knisja hi mibnija kollha fil-konkrit bħala struttura ewlenija, liema xogħol kien tlesta kollu sa Settembru tal-1975. Imbagħad, ingħalaq bil-brikks kulfejn kien għadu miftuħ mad-dawra tal-Knisja kollha, kemm fuq u taħt il-gallerija, kif ukoll il-kappelli ta' Santa Tereża u tal-Madonna tal-Karmnu, li huma 12.5 metru-il waħda. Il-volum vojt tal-Knisja huwa madwar 30,000 metru kubu.



Il-presbiterju għandu dijametru ta' 10 metri mad-dawra tonda tiegħu. Is-Santwarju għandu gallerija li tgħaqqad iż-żewġ kappelli mad-dħul taż-żewġ bibien. Taħt din il-gallerija, bejn iż-żewġ bibien, hemm spazju għall-ġenituri bit-tfal żgħar, il-*crying room*. Is-saqaf tas-Santwarju huwa magħmul f'forma ta' 20 fdewxa li b'sengħa eċċezzjonali jistrieħu fuq ċirku tond u jinġabru dawramejt min-naħa ta' fuq mal-lanterna tas-Santwarju. B'hekk l-għoli tas-Santwarju, jiġifieri meta tqis il-lanterna li tiddomina s-saqaf, huwa ta' 40 metru. Fuq il-lanterna jistrieħ is-salib li ġie mbierek minn Mons. Ġużeppi Mercieca, Vigarju Ġenerali (u aktar tard Arċisqof ta' Malta) fil-25 ta' Ottubru 1975. Huwa bierek is-salib ewlieni tal-knisja wara li kien mexxa Quddiesa konċelebrata fil-bini tas-Santwarju, u ttella' f'postu dak il-ħin stess fost l-entużjażmu tal-folla tassew kbira li mliet il-wesgħa ta' quddiem is-Santwarju. Dak in-nhar saret festa sħiħa. Is-Salib ittieħed ħdejn il-Bank tal-Wied u tqiegħed fuq karru, u minn hemm imbagħad ġie miġbud minn għadd ta' rġiel dilettanti tal-festa fost briju mill-aqwa sa ma wasal fil-wesgħa ta' quddiem is-Santwarju.





Mal-ġenb tal-Knisja nsibu l-kampnar li jitla' għoli ta' madwar 50 metru 'l fuq mill-



*Wara li tbierek, Is-Salib ġie mtella' fuq il-kampnar permezz ta' crane - 16 ta' Marzu 1975*



*25 ta' Ottubru 1975 - Il-Knisja minn barra*



*25 ta' Ottubru 1975 waqt Quddiesa konċelebrata fil-bini tas-Santwarju meta l-knisja kienet mhix lesta*

Provinċjal P. Lwiġ Pisani nhar is-16 ta' Marzu 1975, u dak in-nhar stess tqiegħed fil-post tiegħu.

Is-saqaf u l-kurvaturi ta' taħtu, flimkien mad-dawra kollha tal-knisja min-naħa ta' barra ġew miżbugħa b'żebgħa apposta biex ma ssirilhomx ħsara mill-ilmijiet tax-xita, u fl-istess ħin isebbħu d-dehra tal-Knisja.

# IL-FTUĦ U L-KONSAGRAZZJONI TAS-SANTWARJU

Wara sbatax-il sena mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla, nhar il-Ġimgħa 9 ta' Lulju 1982, is-Santwarju ta' S. Tereża ġie mbierek u miftuħ mir-Reverendu Provinċjal P. Gabriel Grech waqt quddiesa konċelebrata solenni fis-sitta ta' filgħaxija. Il-mużika kienet immexxija mill-kor *Cantate Domino* taż-Żurrieq. Wara l-konċelebrazzjoni sar it-trasport ta' l-istatwa devota tal-Madonna tal-Karmnu mill-knisja l-antika, u fid-dħul tal-vara tkantat l-antifona *Flos Carmeli* tas-Surmast Diacono u wara tkanta t-*Te Deum* b'ringrazzjament lil Alla.



*It-trasport ta' l-istatwa devota tal-Madonna tal-Karmnu mill-Knisja l-antika.*

L-għada, is-Sibt 10 ta' Lulju sar it-trasport ta' l-Urna ta' S. Tereża. Fil-5.00 sar korteo mat-toroq ewlenin ta' B'Kara li għadda minn dawn it-toroq: Triq il-Wied, Papa Piju XII, Anġlu Mallia, John Borg, Brared, Anġlu Mallia lejn il-Bank, u minn Triq il-Wied sa quddiem is-Santwarju. Fil-korteo ħadu sehem il-kleru u l-poplu, il-kavallieri ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, akkumpanjati mill-*boy scouts* ta' San Ġwann u l-banda Nicolò Isouard tal-Mosta. Malli l-korteo wasal fil-pjazza tas-Santwarju, sar Diskors ta' Merħba lill-Qaddisa mill-Professur Ġużè Aquilina. Wara saret Quddiesa konċelebrata solenni mmexxija mill-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca. Kanta l-kor ta' l-Imġarr.

Billi l-festa tal-Madonna tal-Karmnu kienet fil-qrib ħafna - għax kien ippjanat li l-ftuħ tas-Santwarju jorbot ukoll ma' din il-festa - allura l-festi komplew b'ċerta solennità. Hekk l-għada, il-Ħadd 11 ta' Lulju kien sar il-Kungress ta' l-Ordni Sekulari tal-Karmelitani Tereżjani, jew kif kulħadd isejħilhom it-Terzjarji. It-Tnejn kien JUM IL-MISSJONIJIET bis-sehem tal-Patrijiet



*Is-salib ta' fuq il-lanterna*



*Il-preżentazzjoni ta' l-offerti, fost l-oħrajn, mill-Perit Naudi u l-Imgħallem Manuel Camilleri.*

Ġiżwiti tal-Kulleġġ San Alwiġi. It-Tlieta kien JUM IL-VOKAZZJONIJIET bis-sehem tal-Franġiskani Konventwali ta' B'Kara. Imbagħad beda t-Tridu. Fl-ewwel jum ħadu sehem il-Karmelitani ta' l-Antika Osservanza. Fit-tieni jum mexxiet il-komunità tat-Tereżjani u fit-tielet jum qaddes l-Isqof ta' Għawdex Mons. Nikol Cauchi flimkien mas-saċerdoti djoċesani u mar-reliġjużi. Lejlet il-festa mexxa Mons. Vigarju C. Xuereb, u l-festa tmexxiet mill-Isqof Mons. Francis Adeodatu Micallef O.C.D. Il-festi ntemmu l-għada t-Tnejn li kien Jum ta' Ringrazzjament. Il-Quddiesa ta' filgħaxija saret biex fuq kollox niżżu ħajr lil Alla l-imbierek ta' l-għajnuna li tana sakemm wasalna f'dan is-Santwarju u biex nirringrazjaw ukoll lill-benefatturi kollha kemm ħajjin u kemm dawk mejtin.



*It-tberik tas-Santwarju - 9 ta' Lulju 1982*

Sewwa sew ħmistax-il sena wara, matul il-Festi Ċentinarji tal-Mewt ta' Santa Tereża, saret il-Konsagrazzjoni tas-Santwarju minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Nhar l-Erbgħa 9 ta' Lulju 1997, l-Arċisqof ta' Malta mexxa konċelebrazzjoni solenni li matulha dilek biż-żejt imqaddes l-artal tas-Santwarju. Madwar il-Knisja ġew imwaħħlin erba' slaleb moderni, li jirrappreżentaw l-erba' evanġelisti. Bħala parti mir-rit tal-konsagrazzjoni anki dawn ġew midlukin biż-żejt imqaddes, tnejn mill-Provinċjal P. Mario Borg u tnejn mill-Pirjol ta' dak iż-żmien P. Manwel Schembri, kif iddelega Mons. Arċisqof.

# DAWRA MAS-SANTWARJU

## Il-presbiterju

Ma jistax jonqos li hekk kif tidħol fis-Santwarju, jolqtok minnufih l-artal ta' fuq il-presbiterju, magħmul minn blokka waħda ta' l-irħam ta' Carrara, ta' madwar tlettax-il tunnellata. L-artal jidher imħażżem b'liżar, biex ifakkarna fil-mewt u l-qawmien ta' Ġesù, iċ-ċentru tal-fidi tagħna. Quddiem hemm imnaqqxa l-arma tal-Karmelu Tereżjan, b'ward li jidher f'riġlejn l-arma u li jfakkruna fil-Qaddisa titulari tas-Santwarju S. Tereża tal-Bambin Ġesù, il-Qaddisa tal-Ward. Huwa nħadem mill-marmista Ronnie Pisani, fuq disinn ta' Frank Portelli. Fl-20 ta' Settembru 1994 tqaddset fuqu l-ewwel quddiesa. Dan l-artal ġie kkonsagrat minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca dak in-nhar li saret il-konsagrazzjoni tas-Santwarju fid-9 ta' Lulju 1997.





*Konsagrazjoni tas-Santwarju 9 ta' Lulju 1997*

L-ambone, flimkien maż-żewġ mensoli fil-ġnub, saru fl-1986 minn Paul Azzopardi Woodworks ta' B'Kara. Fit-23 ta' Novembru 1986 ġie inawgurat it-tabernaklu, magħmul mill-bronż, u li jissimbolizza d-dinja, parti minn disinn sħiħ għal-lapside tal-presbiterju, disinn tas-Sur Frank Portelli.

Il-presbiterju tas-Santwarju hu mżejjen b'irħam sabiħ fuq sfond abjad li ġie ordnat mill-koperattiva Logomarsini ta' Carrara. L-art hija miksija bl-irħam Calacatta Vagli Luci, waqt li s-sedja tal-President hi magħmula mill-Onice Verde mdawwar bl-irħam Rosa Portogallo. Imbagħad minn taħt is-sedja joħroġ tapit Rosso Rubino li jasal sa l-artal. Ix-xogħol tat-tqegħid sar mill-marmista Ronnie Pisani, u tlesta fi żmien xahar fl-1996.

# Il-wesgħa tas-Santwarju



*Is-saqaf tas-Santwarju*

Is-Santwarju jesa' mal-1000 ruħ bilqiegħda bil-kumdità, għalkemm jesa' ħafna iżjed, kif naraw meta jiżdiedu s-siġġijiet f'xi attivitajiet fuq skala kbira, u meta l-knisja tkun tassew mimlija fil-festi ta' matul is-sena, bħal dawk tal-lejl tal-Milied u l-Vġili ta' l-Għid. L-eluf ta' nies li jesa' s-Santwarju dehret ukoll, ngħidu aħna, fiż-żewġ "Rock Masses" li saru għaż-żgħażagħ, l-ewwel waħda fl-Għid tal-1983 u l-ewwel darba li qatt saret Quddies ta' din ix-xorta f'pajjiżna. Barra minn hekk, għandha tiżdied aktar il-kapaċità tal-postijiet fil-gallerija, skond disinn imħejji mill-Professur Pacini nnifsu. Fl-1986 saru t-turġien ta' l-irħam li jagħtu għall-gallerija.

Il-paviment tal-Knisja tqiegħed fl-1997, b'tapit li jgħaddi minn nofs il-Knisja, disinn ta' Frank Portelli. Il-Knisja bil-presbiterju u l-kappelli ġew miksija.... b'*sound-absorbant* apposta mifrux dawramejt mal-ħitan biex jissokta jtejjeb l-akwistika u jagħti dehra moderna lill-Knisja.

Kienu nħadmu għoxrin tieqa kbira ta' madwar is-saqaf li huma 15-il pied għolja u 12-il pied wiesgħa fil-qiegħ tagħhom, u għoxrin tieqa oħra korrespondenti fl-anterna, li huma 12-il pied għolja u pied u tmien pulzieri wiesgħa fil-qiegħ tagħhom. Inħadmu wkoll 26 tieqa li jduru dawramejt mal-gallerija fuq disinn ta' Frank Portelli, kull waħda wiesgħa mal-11-il pied u għolja żewġ piedi. Dawn it-twieqi huma kollha tal-ħadid galvanizzat, u nħadmu mill-Patrijiet stess. Xogħol tagħhom ukoll hija s-sistema kollha tad-dawl tal-knisja li jinxtegħel minn bord-pjanta ċentrali fis-sagristija. Hawn ta' min isemmi dawk li ħadmu bis-sħiħ f'dan ix-xogħol, jiġifieri P. Eliżew u ħuh Charlie Parascandalo, flimkien ma' P. Alessandru Pace. Il-ħġieġ tat-twieqi huwa ta' materjal plastiku li ma jinkisirx, imlewwen b'kuluri diversi u trasparenti għad-dawl sabiex jagħti dehra tassew moderna lil dan it-tempju. L-għażla tal-kuluri tħalliet f'idejn is-Sur Frank Portelli.



*Rock Mass fl-Għid 1983*

Is-Santwarju ta' S. Tereża huwa mfittex għas-servizz tal-qrar li joffru l-patrijiet tal-Kunvent. Kien għalhekk li anki hawn, il-Patrijiet ħasbu biex jagħmlu konfessjonarji ġodda li joffru l-kumdità u l-privatezza li jitlob dan is-Sagrament. Id-disinn tagħhom sar mis-Sur Frank Portelli, u x-xogħol fl-injam inħadem minn Charles Debono tal-Mellieħa. Fil-fatt, huma l-aħħar opra li saret fil-knisja, proprju s-sena li għaddiet (2001).



*is-Santwarju fil-kapaċità tiegħu*

Mal-ġnub tas-Santwarju nsibu wkoll l-istatwi taż-żewġ fundaturi ta' l-Ordni Karmelitan Tereżjan, li nġiebu mill-knisja l-antika. L-istatwa ta' Santa Tereża ta' Avila saret minn Wistin Camilleri ta' Għawdex, waqt li 'l fuq minn ħamsin sena ilu saret ukoll l-istatwa ta' San Ġwann tas-Salib minn Ġilormu Dingli ta' l-Imqabba. Ma' dawn irridu

nżidu l-istatwa tal-Bambin ta' Praga, li l-Patrijiet Tereżjani xerrdu bosta d-devozzjoni lejh madwar id-dinja. Fil-knisja nsibu wkoll l-istatwi tad-Duluri u ta' l-*Ecce Homo*, flimkien mal-*Via Sagra* antika u artistika.

# Il-Kappelli ta' Santa Tereża u tal-Madonna tal-Karmnu



*L-urna ta' Sata Tereża dieħla fis-Santwarju għall-ewwel dar*



*Ix-xbieha ta' Santa Tereża li għandna llum*

L-ewwel kappella li niltaqgħu magħha hija L-KAPPELLA TA' SANTA TEREŻA, fejn tinsab meqjuma l-Urna tal-Qaddisa. Oriġinarjament l-Urna tal-bronż inħadmet f'Milan fl-1960, u fiha nsibu x-xbieha devota ta' S. Tereża tal-Bambin Ġesù fil-waqt tal-mewt tagħha, maħduma f'Ruma mill-artista Salvatore Placenti. Fiha huma miżmuma relikwi mill-għadam tal-Qaddisa, mogħtijin mis-Sorijiet ta' Lisieux, li taw ukoll lis-Santwarju l-velu l-iswed u d-drapp biex tinħiet il-libsa kannella tagħha. Il-kappa bajda ġiet mogħtija ġentilment mis-Sorijiet Tereżjani li jinsabu fil-monasteru ta' Bormla. Ir-rakkmu u l-ħjata saru minn P.Martin Borg u Leonora Pace.

Id-devozzjoni lejn Santa Tereża hija popolari u mxerrda ħafna f'pajjiżna, bħalma hi mad-dinja kollha. Il-messaġġ tagħha tat-Triq iċ-Ċkejkna tat-Tfulija Spiritwali sab eku fil-ħajja spiritwali ta' tant nies. Ma jonqsux dawk l-ommijiet li, bħalma jsir lill-Madonna tal-Karmnu, jippreżentaw lil uliedhom iż-żgħar lil din il-Qaddisa tagħna. Id-devozzjoni lejha qatt ma kienet nieqsa, imma kienet evidenti b'mod partikulari matul il-Festi li kienu qegħdin isiru fl-1997 biex ifakkru l-mitt sena mill-mewt tagħha. Fl-1 ta' Marzu x-xbieha għażiża ta' Santa Tereża li kienet inħadmet mis-Sorijiet Sagramentini ta' Monza, inħakmet minn nirien u l-istatwa tax-xama' nqerdet għal kollox u ma kienx baqa' minnha ħlief il-korp tal-kurċifiss, li llum ġie indurat mill-ġdid u jinsab f'id il-Qaddisa. Id-devoti Maltin u Għawdxin għenu bi ħġarhom biex mill-aktar fis tiġi restawrata l-Urna tal-bronż u ssir l-istatwa l-ġdida ta' Santa Tereża, hi wkoll tax-xama' bħal dik oriġinali. Hija din ix-xbieha li lqajna fostna fil-Festi Ċentinarji, u li f'dik l-okkażjoni ġiet meħuda fil-bażilika tal-Karmnu fil-Belt Valletta, u fil-knejjes Tereżjani ta' Ta' Xbiex u Bormla, u aktar tard fil-Kon-katidral ta' San Ġwann.

Nhar id-19 ta' Ottubru 1997, fil-Ġurnata ddedikata lill-Missjonijiet, S. Tereża tal-Bambin Ġesù ġiet iddikjarata bħala t-tielet mara Duttur tal-Knisja. Kien għalhekk li fl-Urna rrestawrata, ġie mqiegħed ukoll il-berettin tad-dottorat biex ifakkar l-għoti ta' dan it-titlu mill-Papa Ġwanni Pawlu II. Għall-istess okkażjoni, fl-istess xahar (19 ta' Ottubru), l-istatwa tal-Madonna tat-Tbissima, miġjuba minn Lisieux, ġiet imqiegħda u mbierka fin-niċċa tagħha fuq l-Urna tal-Qaddisa.

Is-sena ta' wara (1998) sar il-bażi ta' l-irħam li fuqu tistrieħ l-Urna, xogħol ta' Ronnie Pisani fuq disinn ta' Frank Portelli. Il-qafas tal-ħadid sar minn Paul Borg u Edward Schembri, u bħal dak tal-Madonna tal-Karmnu, ġie mfassal b'mod li jista' jerfa' l-bażi kollha u jitmexxa. Ta' min jinnota wkoll li fil-Kappella jinsabu relikwi oħra wkoll ta' Santa



*L-Oratorju San Ġwann tas-Salib f'l-1991*

Tereża: ħdejn l-Urna nsibu brikk mill-infermerija li fiha mietet Santa Tereża, u mal-ġenb l-ieħor jinsabu mdendla l-parimenti sagri li l-Qaddisa kienet tieħu ħsiebhom meta kienet taqdi l-uffiċċju ta' Sagristana fl-istess monasteru ta' Lisieux.

U fl-aħħarnett ta' min isemmi l-bieb il-kbir tal-ħadid li minnu toħroġ il-purċissjoni tal-Madonna tal-Karmnu. Bħal dak tal-kappella tal-Madonna, huwa jaffigura tema importanti fl-ispiritwalità ta' Santa Tereża, jiġifieri jirrappreżenta x-*xita ta' ward* li Santa Tereża wiegħdet li titfa' mis-Sema fuq id-devoti kollha tagħha. Il-bieb l-ieħor li jagħti għall-pjazza ta' Triq Naxxar jaffigura l-vokazzjoni ewlenija tal-Qaddisa li tkun *l-imħabba fil-qalb tal-Knisja*. Dawn iż-żewġ bibien ġew imfaħħra għall-ħila artistika tagħhom f'opra hekk kbira tal-ħadid, fosthom mill-Professur Giorgio Pacini.

Fil-KAPPELLA TAL-MADONNA TAL-KARMNU nsibu l-istatwa devota tal-Madonna li nħadmet f'Lecce, u li tinġarr fil-festa esterna li ssir f'ġieħha fit-tielet Ħadd ta' Lulju. Hija saret fil-bidu tas-seklu għoxrin fuq disinn ta' Arturo Galdes (1861-1934), li ddisinja wkoll il-bradella. Fuq in-naħa tal-lemin tal-Madonna nsibu lil San Xmun Stock qiegħed jirċievi l-Labtu Mqaddes, u fuq ix-xellug Santa Tereża l-Kbira, fundatriċi tal-Karmelu Tereżjan, qiegħdha toffri qalbha mixgħula bl-imħabba lil Ġesù Bambin. Din il-vara hi forsi l-isbaħ waħda fost il-vari tal-Karmnu f'Malta għal dik li hi dispożizzjoni tal-figuri ewlenin bil-Madonna liebsa l-libsa Karmelitana.



*Dehra ġenerali tas-Santwarju wara t-tqegħid tal-paviment.*

L-istatwa tal-Madonna ġiet restawrata fl-1997 mir-restawraturi Twanny Spagnol u Brian Caruana miż-Żejtun (ir-restawr ġie jiswa Lm 175), waqt li l-induratura tad-disinn tal-libsa saret minn David Mercieca ta' Ħal Tarxien (u ġiet tiswa Lm 120). Il-pedestall tal-vara, li oriġinarjament sar minn Emanuel Vella fl-1921, ġie indurat minn John Pace ta' Marsaxlokk (u sewa Lm 2750). Saru wkoll żewġ dijademi ġodda tal-fidda għall-figuri ta' Santa Tereża u San Xmun, xogħol il-Cutajar Silver Works tal-Ħamrun. Fl-1998 saret ir-Raġġiera tal-fidda, ikbar minn dik ta' qabel, u mżejna wkoll bid-dawl elettriku. Il-ġilju tal-fidda f'idejn Santa Tereża ta' Avila ġie mogħti mill-Patrijiet Tereżjani ta' Bormla, meta l-istatwa ttieħdet hemm fl-2001 fl-okkażjoni tas-750 sena mill-għoti tal-Labtu tal-Karmnu.

In-niċċa maestuża tal-Madonna saret fl-1996 fuq disinn ta' Frank Portelli, u x-xogħol ta' l-injam inħadem minn Charlie Debono mill-Mellieħa. L-ispejjeż ġew imħallsa mill-benefatturi Emanwel u Helen Borg minn B'Kara. Il-bażi tal-ħadid li sservi biex tintrefa' n-niċċa nħadmet b'sengħa għaqlija mis-sinjuri Paul Borg u Edward Schembri, li ħadmuh b'xejn huma wkoll. (Din l-opra ġiet tiswa' Lm12,100 inkluż injam, ħadid, ħġieġ u kanen ta' l-istainless steel). Il-bażi tal-ħadid jagħmilha faċli li n-niċċa tkun tista' titmexxa lura meta fil-kappella tal-Madonna jintrama l-Artal tar-Repożizzjoni fil-festi ta' Għid (magħmul fl-1983, disinn u xogħol ta' P. Alessandru Pace), u l-Presepju għall-festi tal-Milied (armat l-ewwel darba fil-knisja fl-1982, xogħol is-Sur Leonard Farrugia).

Fil-jiem tal-festa, naraw il-bankun li ġie rrestawrat mill-iskultur Joseph Agius, waqt li l-lostru ngħata minn Vince Xuereb (sewa Lm 180). Ingawdu wkoll il-pavuljun tal-bellus blu li jintrama wara l-vara u li kien sar fl-1986 fuq disinn ta' P. Alessandru Pace.

## GĦELUQ

Jalla s-Santwarju jkompli fl-aqwa servizz lill-poplu Malti. Jalla jibqa' jsir il-ġid, imżejjen kif ikun matul is-sena b'mod sabiħ u li jiġbdek. Ikollna tassew nammettu li Santa Tereża tal-Bambin Ġesù qiegħda l-ħin kollu titfa' mis-Sema xita ta' ward fuqna u fuq dawk kollha li jiffrekwentaw dan is-Santwarju.

Fil-Festa fuq kollox niżżu ħajr lill-Madonna, Omm il-Karmelu u Oħt speċjali tal-Karmelitani kollha fl-ispirtu, tal-grazzji kbar li dejjem ixxerred fuqna. Ħa jkun għalina l-Labtu Mqaddes tifkira u xiehda qawwija ta' dmirijietna bħala wlied u aħwa speċjali ta' l-Omm ta' Alla. Dan il-ferħ intern fl-għaqda tagħna ma' Marija, u permezz tagħha ma' Binha Ġesù, għandna nuruh bis-sehem tagħna fiċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-Knisja u fil-briju ferrieħi u tradizzjonali tal-Festi esterni li nagħmlu f'ġieħ l-Omm tagħna Marija.



Il-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II onorana meta għadda minn ħdejn is-Santwarju fiż-żewġ żjajjar li għamel f'Malta. Fis-27 ta' Mejju 1990 għadda minn Triq il-Wied fi triqtu lejn San Ġiljan għal-laqgħa ma' l-Intellettwali, waqt li fit-8 ta' Mejju 2001 fi triqtu lejn il-Palazz il-Belt għadda min-naħa ta' Triq in-Naxxar.

**miġbur minn Joe Calleja**

## Il-Prijuri tal-Kunvent ta' S. Tereża matul is-snin

| | Ħatra | | Ħatra |
|---|---|---|---|
| 1. P. Wistin Zammit | 27.01.1897 | 20. P. Alfons Grima | 28.02.1944 |
| 2. P. Karm Vassallo | 07.05.1900 | 21. P. Eġidju Cuschieri | 19.04.1948 |
| 3. P. Anġlu Darmanin | 05.11.1901 | 22. P. Wistin Borg | 14.04.1951 |
| 4. P. Serafin Orlando | 24.02.1908 | 23. P. Gabriel Grech | 09.05.1954 |
| 5. P. Lawrenz Mifsud | 14.05.1909 | 24. P. Tarċisju Licari | 03.07.1957 |
| 6. P. Eliżew Caruana | 15.04.1910 | 25. P. Pier-Tumas Degiorgio | 30.07.1959 |
| 7. P. Albert M. Giacomotto | 01.05.1912 | 26. P. Adeodatu Micallef | 06.07.1960 |
| 8. P. Paolo ta' l-Immakulata | 26.04.1915 | 27. P. Ġwann Leone | 05.05.1963 |
| 9. P. Anġlu Darmanin | 23.04.1918 | 28. P. Mawru Farrugia | 07.10.1964 |
| 10. P. Paolo ta' l-Immakulata | 18.04.1921 | 29. P. Dionisju Mercieca | 02.05.1966 |
| 11. P. Bernard Rigos | 12.05.1924 | 30. P. Eliżew Parascandalo | 24.04.1972 |
| 12. P. Anselmu Ghirxi | 31.10.1924 | 31. P. Dionisju Mercieca | 08.04.1975 |
| 13. P. Rajmond M. Xuereb | 30.04.1928 | 32. P. Ewġenju Camilleri | 05.04.1978 |
| 14. P. Anselmu Ghirxi | 12.05.1930 | 33. P. Victor Mallia | 07.05.1984 |
| 15. P. Anġeliku Buttigieg | 05.06.1931 | 34. P. Dionisju Mercieca | 30.04.1987 |
| 16. P. Ġerard Deidun | 08.05.1933 | 35. P. Ewġenju Camilleri | 27.04.1990 |
| 17. P. Anġeliku Buttigieg | 04.05.1936 | 36. P. Manwel Schembri | 03.02.1997 |
| 18. P. Spiridjun Chetcuti | 03.05.1939 | 37. P. Alessandru Pace | 26.02.1998 |
| 19. P. Eġidju Cuschieri | 21.06.1939 | | |

